**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Rose u Victor Borg

vs

Forestals (Appliances) Ltd

CCT/ 76/19/MS

17 ta' Ġunju 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-8 ta' Lulju 2019 fejn talbu r-rifuzjoni ta' €524.84 (jew *dishwasher* gdida), prezz ta' *dishwasher* mixtri minghand s-socjeta' intimata liema magna zviluppalha sadid fuq il-bieba xi sena u nofs wara li giet installata.

Ra r-risposta tas-socjeta intimata pprezentata fit-2 ta' Awwissu 2019 fejn eccepiet illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li jekk kien hemm sadid, dan kien ikkawzat bin-nuqqas ta' manutenzjoni adegwata jew uzu hazin da parti tar-rikorrenti.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra.

Illi rrizulta mill-provi illi f'Mejju 2017 ir-rikorrent xtraw *dishwasher* minghand is-socjeta' intimata, liema *dishwasher* giet installata u kumissjonata f' Ottubru tal-istess sena. Ir-rikorrenti ghamlet uzu normali minnu ghal xi xahar u nofs u wara kienet tuzaha biss bhala *draining board.* Kienet tahsel il-platti fis-*sink* u wara terfaghhom fid-dishwasher li altrimenti kienet wieqfa ghal kollox. Ir-rikorrenti ddecidiet illi tieqaf tuza d-*dishwasher* wara li uzatu xi tlett darbiet fuq perjodu qasir ghaliex ma ghogbithiex. Spjegat illi huma tnejn fil-familja u kienu jdumu biex jimlew il-magna u ghalhekk ma kienx prattiku ghalihom. F'Marzu 2019 indunat li kien hemm tebgha kannella fil-genb. F'April 2019 gie technician, talab lir-rikorrenti tissue sabiex jimsah il-magna u qalilha illi s-sapun li kienet qed tuza ma kienx tajjeb ghall-magna.

In kontro-ezami, ir-rikorrenti tghid illi qatt ma qrat il-*manual* u lanqas ma ghamlet *soak programme* jew ghalqet is-supply tal-ilma, pero' kienet thalli l-bieba miftuha. Qalet ukoll

illi t-tebgha tmur meta timsahha pero wara ftit rega' titfacca. Insistiet ukoll illi meta t-technician irrefera ghal sapun li kien hazin ghall-magna, kien qed jirreferi ghal sapun tad-*dishwasher* u mhux sapun tal-platti.

Illi ghas-socjeta' intimata xehedl Paul Camilleri, *technician* li jahdem mal-Forestals li kien mar ghand ir-rikorrenti meta ilmentat illi kellha sadid fil-magna. Ighid illi malli ra d-*dishwasher* induna li dan ma kienx sadid u talab lir-rikorrenti *tissue* biex jimsah it-tebgha, li marret fil-pront. Mar ghand ir-rikorrenti darbtjen u l-ewwel darba sab tartru taht il-lakstu li jkun qisu *sludge* jew *jelly* ta' kulur kannella li jigi mis-sapun tal-platti. Ikkonferma illi l-ewwel darba r-rikorrenti qaltlu li kienet tahseb il-platti bis-sapun tal-platti u taghmilhom fid-dishwasher biex jinxfu u li hu kien qalilha li s-sapun tal-platti mhuwiex tajjeb. Meta mar it-tieni darba rega' mesah il-magna bit-*tissues* u uriha kif ghandha taghmel biex tinqala' l-lastku biex tkun tista' taghmlu hi. Spjega wkoll illi meta ma tuzax magna, din taghmel hsara lil *wash pump* u d-*drain pump* u meta l-magna taghmel ammont ta' zmien wieqfa minghajr ma tigi uzata, jibqa' ammont zghir ta' ilma fil-*pump* li jista' jikkawza hsara - *sludge* huwa tip ta' ilma qieghed. Spjega ukoll illi hemm struzzjonijiet li ghandhom jigu sewgiti meta l-magna ma tkunx qed tigi uzata kif suppost u li dan ma kienx qed isir.

Xehed ukoll l-intimat Mario Sacco li qal li kienu baghtu technician ghand ir-rikorrenti u li rrizulta li l-kaz ma kienx wiehed ta' sadid izda kaz ta' ilma qieghed illi jingabar taht il-lastku li jitlaq wara li jintmesah. Fic-cirkostanzi s-socjeta' intimata ma hassitx li ghandha tinbidel il-magna ghax la kien hemm hsara u lanqas diffett.

Ikkunsidra

Illi illum hafna djar ghandhom magna tal-hasil tal-platti, li b'differenza ta' apparat iehor, inqas ma tuzaha iktar probabbli li titkisser. Ir-rikorrenti qalet illi uzat il-magna xi tlett darbiet biss fuq perjodu ta' xahar u nofs u li wara waqqfet tuzaha kompletament u kienet tuzahha biss bhala *draining board*. Kien ikun differenti li kieku r-rikorrenti kompliet tuza l-magna, imqar darba fil-gimgha - anke fuq hasla qasira. Ghal dak li jirrigwarda is-sapun tal-platti, ir-rikorrenti tghid illi t-technician kien qed jirreferi ghal *dishwashing tablets* filwaqt li t-*technician* xehed illi huwa kien qed jirreferi ghas-sapun likwidu li kien qed jidhol fil-magna peress li r-rikorrenti kienet qieghda tuza l-magna bhala draining board.

It-Tribunal huwa sodisfatt li t-*technician* fil-fatt kien qed jirreferi ghal sapun likwidu ghaliex ir-rikorrenti ghamlitha cara illi ma kenitx qed taghmel uzu minn ebda *dishwashing tablets* peress illi ma kenitx qed tuza l-magna b'mod regolari. Pero' tajjeb jew hazin jibqa' l-fatt illi ma ngabitx prova illi l-magna in kwistjoni kellha xi hsara u jekk verament kien hemm hsara din ma setghetx tigi konstatata peress illi kif xehdet ir-rikorrenti il-magna kienet ilha ma tigi uzata ghal iktar minn sena. L-ispjegazzjoni moghtija mis-socjeta'

intimata korroborat ukoll b'dak li hemm miktub fil-*user manual* ma jhalli l-ebda dubju f'mohh it-Tribunal illi t-tebgha in kwistjoni kienet rizultat ta' ilma qieghed u ta' dan zgur m'ghandhiex tahti l-isocjeta' intimata. Fic-cirkostanzi, ir-rikorrenti ma rnexxilhomx jippruvaw il-kawza taghha sal-grad rikjest mil-ligi u l-versjoni tas-socjeta' intimata hija hafna iktar probabbli.

Ghal dawn il-motiivi jaqta' u jideciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispjjes kontra taghhom.

Avv. Michela Spiteri
Arbitru